# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-30 ta' Gunju, 2016.**

**Rikors Numru 233/2016 SM**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**(C – 2833)**

**vs.**

**Josianne Spiteri**
**(K.I. numru 329787 (M))**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-22 ta' Marzu, 2016, li permezz tieghu r-rapprezentanti tas-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi permezz ta' zewg (2) skritturi privati rispettivament datati l-5 ta' Novembru, 2009, u t-23 ta' Settembru, 2010, ikkoncediet facilitajiet bankarji lill-intimata, (ara foll 5 u 9);

1.2. Illi s-socjeta` rikorrenti hi kreditur tal-intimata fis-somma ta' ghoxrin elf, hames mija u sitta u sittin Ewro u tmintax il-centezmu, (€20,566.18), bilanc mid-debitu fl-akkont tal-intimata, (ara foll 13 *et sequitur*), flimkien ma l-imghax ulterjuri mit-3 t'Ottubru, 2015 sad-data tal-pagament effettiv;

1.3. Illi sussegwentement sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq riferiti, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel);

1.4. Illi ghalkemm debitament interpellata biex thallas l-ammont dovut fuq indikat, (ara paragrafu numru wiehed punt tnejn, (1.2.), aktar qabel), l-istess l-intimata baqghet inadempjenti, (ara foll 18);

1.5. Illi konsegwentement is-socjeta` rikorrenti aderiet din il-qorti biex l-intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.5.1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq riferiti;

1.5.2. Tikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' ghoxrin elf, hames mija u sitta u sittin Ewro u tmintax il-centezmu, (€20,566.18), bilanc minnha lilha dovut, flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-3 t'Ottubru, 2015, sad-data tal-effettiv pagament;

1.5.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimata;

2. Tirrileva li ghalkemm l-intimata giet debitament notifikata bil-procedura odjerna, (ara foll 46 sa 51), din baqghet ma

wiegbitx ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti skont il-ligi, u ghalhekk qeghda fi stat ta' kontumacja, (ara foll 52);

3. Semghet lill-abbli rapprezentanti tas-socjeta` rikorrenti tikkonferma l-ammont dovut lill-istess socjeta` mill-intimata kif specifikat ukoll fin-nota datata t-22 ta' Gunju, 2016;

4. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

5. Illi ghalkemm awtorizzata tagixxi fit-terminu tal-artiklu 170(1) tal-Kap 12 sat-terminu lilha moghti, l-intimata xorta baqghet inadempjenti;

6. Illi in vista tal-istess, tqis li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

6.1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq riferiti;

6.2. Tikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' ghoxrin elf, hames mija u sitta u sittin Ewro, u tmintax il-centezmu, (€20,566.18), bilanc minnha dovut lill-istess socjeta` rikorrenti, flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-3 t'Ottubru, 2015, sad-data tal-effettiv pagament;

6.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimata.

___________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**